

*425 sena Anniversarju*
*minn meta saret*
*Parroċċa tas-Salvatur*
*(1594-2019)*

*325 sena Anniversarju*
*mit-tpoġġija tal-ewwel ġebla*
*tal-Knisja Parrokkjali*
*(1694-2019)*

# 110 snin mill-mewt tal-istatwarju magħruf Karlu Darmanin



Kitba ta' **Carlston Grima**

Karlu Darmanin twieled fl-Isla fl-1825. Il-ġenituri tiegħu kienu Ġużeppi u Maria, kunjomha xebba Cumbo. Hu kien ġie mgħammed fil-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla, l-għada li twieled, jiġifieri nhar il-31 ta' Awwissu.

Għall-ewwel, il-familja Darmanin kienu jieħdu kummissjonijiet għal xogħol fl-irħam, bħal ngħidu aħna altari, fontijiet tal-magħmudija u lapidi tal-oqbra. Ċertu wieħed Sqalli kien fetaħ ħanut ta' marmista u dan spiċċa kompetitur kbir għad-ditta Darmanin. Kull deni ħudu b'ġid għax b'riħet hekk, l-aħwa Darmanin issoktaw jaħdmu fil-kartapesta jew kif kienet magħrufa dak iż-żmien, fil-plastika. Ħuh, Giovanni, li kien l-ewwel wild fil-familja u li kien twieled nhar it-3 ta' April 1817, fil-Belt Valletta kien l-aktar fost l-aħwa li baqa' jissemma bħala statwarju wara Karlu. Giovanni hu l-aktar magħruf għall-istatwa tal Madonna tal-Ġilju (1876) tal-Imqabba.



Uliedi, krabati u hbiebi, iftacru fija, jien nitlob ghalicom!

KALBU DEJJEM MARBUTA MAL VOLONTÀ T' ALLA
CHIF DEJJEM GHAX U RABBA BOSTA ULIED
HALLA DIN ID-DINJA IL MISSIER ESEMPLARI
IR-RAGEL IMFAHHAR GHAL TIUBITU
IL FAMUS U IMSEMMI ARTISTA

**CARLU DARMANIN**

FIL 25 TA NOVEMBRU 1909
FL' ETÀ SABIHA TA 85 SENA
MIBCHI MINN CULLMIN CHIEN JAFU

R. I. P.

O Gesù ħanin atiħ il mistriħ ta dejjem
[Ind. 7 snin u 7 quarant.]
Kalb helua ta Maria con is-salvazioni tighei.
[Ind. 300 jum.]

Karlu Darmanin ħadem bosta statwi sbieħ, iżda wieħed ma jistax ma jsemmix li dan l-artist, li hu magħruf bħala l-prinċep tal-istatwarji Maltin, kien l-awtur ta' ħames statwi titulari, li għadna ngawdu l-ġmiel ta' tlieta minnhom sal-ġurnata tal-lum.

Għalina l-Lijani, dan l-isem żgur huwa sinonimu ma' raħalna. Dun Salvatore Parnis, kappillan ta' Ħal Lija kien nieda konkors fost l-artisti Maltin ta' dak iż-żmien, sabiex iħejju abbozz għall-istatwa li turi t-Trasfigurazzjoni ta' Kristu. Darmanin kien daħal għal din il-kompetizzjoni u kien għamel mudell li kien juri sitt figuri; Ġesù, Mosè, Elija u t-tliet Appostli Pietru, Ġakbu u Ġwanni. Minħabba l-kobor tal-istatwa u d-dimensjoni tal- knisja, l-artist ġie mitlub jagħmel abbozz ieħor fejn tħallew barra l-figuri tat-tliet Appostli, li ġew inklużi fuq il-pedestall, u mbagħad anke bħala statwi fuq iz-zuntier tal-knisja u l-pjazza. L-ewwel mudell illum għadu jista' jitgawda fil-mużew tal-knisja ta' Ħal Lija. It-tieni mudell, li fuqu ssawret l-istatwa tas-Salvatur, kien inxtara minn missier wieħed saċerdot mill-istess raħal, u wara għadda għand Dun Edwin Sammut. Nafu li sal-1984, din l-istatwa kienet propjetà ta' Richard Vella minn Tas-Sliema. L-istatwa tas Salvatur kif nafuha illum kienet tlestiet fl-1864 u swiet mitt lira sterlina. L-aħħar restawr li sar fuq din l-istatwa kien fl-1983 mill-istatwarju Għawdxi, Michael Camilleri Cauchi.

Karlu Darmanin miet fl-għomor ta' 84 sena fid-dar tiegħu l-Ħamrun, nhar il-25 ta' Novembru 1909, ftit xhur wara l-mewt ta' ħuh Giovanni, fl-4 ta' Diċembru 1908. Il-gazzetta u s-santa tal-mewt tiegħu tgħid li kellu 85 sena iżda fil-fatt kellu sena inqas. Id-difna saret fit-8.00 ta' filgħodu tas-27 ta'Novembru, f'wieħed mill-oqbra tal-Konfraternità tas-Santissima Trinità tal-Isla. Il-qabar qiegħed Div. Punente, sezzjoni K. Kompartamento A. numru tal-qabar 67. Hu kien it-80249 li ġie midfun fil-ċimiterju tal-Addolorata, u m'hemm l-ebda tifkira fuq qabru.